



Brussell, 26 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9371/1/23
REV 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0131(COD)**

**MIGR 166
JAI 649
ASIM 60
EDUC 167
EMPL 210
CODEC 909
SOC 327**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	8580/22+ADD 1-ADD 4
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (riformulazzjoni) - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-28 ta' April 2022, bħala parti mill-Pakkett dwar il-Ħiliet u t-Talenti, il-Kummissjoni ressqet quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill proposta għal Direttiva dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (riformulazzjoni).¹

¹ 8580/22

2. Il-proposta għandha l-għan li temenda d-Direttiva 2011/98/UE ("id-Direttiva dwar il-Permess Uniku"). L-għan ta' din ir-riformulazzjoni huwa li tissimplifika u tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, tirrazzjonalizza l-proċedura ta' applikazzjoni, tnaqqas it-tul ta' żmien ġenerali tal-proċedura u tagħmel il-proċedura aktar effettiva. Għandha wkoll l-għan li ssaħħa is-salvagwardji u t-trattament ugwali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ttejjeb il-protezzjoni tagħhom mill-isfruttament tax-xogħol.
3. Eżami dettaljat tal-proposta beda fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Integrazzjoni, il-Migrazzjoni u t-Tkeċċija (Ammissjoni) fit-22 ta' Lulju 2022, matul il-Presidenza Ċeka. L-ewwel proposta ta' kompromess ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma tal-IMEX (Ammissjoni) fid-9 ta' Novembru 2022. Wara l-kummenti bil-fomm u bil-miktub li saru mill-Istati Membri, il-Presidenza Svediża ħarġet proposta ta' kompromess emendata, li ġiet diskussa u rfinata aktar fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma tal-IMEX (Ammissjoni) fis-27 ta' Jannar 2023 u s-6 ta' Marzu 2023, u fil-laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI (Ammissjoni) fil-25 ta' April 2023.
4. Matul dawn id-diskussjonijiet, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri esprimew appoġġ wiesa' għall-proposta emendata u laqgħu s-suġġerimenti ta' kompromess ippreżentati mill-Presidenza.
5. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) huwa responsabbli għall-eżami tal-proposta. Tħejja abbozz ta' rapport mir-rapporteur, Javier Moreno Sánchez (S&D, ES). Il-Kumitat LIBE adotta r-rapport tiegħu dwar il-proposta fit-23 ta' Marzu 2023. Il-Parlament Ewropew ivvota favur in-negozjati interistituzzjonali fid-19 ta' April 2023.

II. ELEMENTI EWLENIN TAT-TEST TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

6. It-test ta' kompromess jemenda l-proposta tal-Kummissjoni dwar diversi aspetti. It-test ta' kompromess jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (l-Artikolu 3) meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni, bl-esklużjoni ta' ċerti kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.
7. Filwaqt li l-possibbiltà li jsiru applikazzjonijiet mit-territorju ta' Stat Membru nżammet fl-Artikolu 4, it-test ta' kompromess jiddikjara, bħala salvagwardja, li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jkun detentur ta' permess ta' residenza validu. L-Istati Membri għandhom ukoll il-possibbiltà li jaċċettaw applikazzjonijiet minn ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi li huma legalment preżenti fit-territorju tagħhom.
8. It-test ta' kompromess jipprovdi flessibbiltà addizzjonali lill-Istati Membri fir-rigward tal-limitu ta' żmien ta' erba' xhur għall-ħruġ ta' deċiżjoni (l-Artikolu 5). B'mod partikolari, iż-żmien meħtieġ biex tinħareġ il-viża meħtieġa biex jinkiseb permess uniku m'għadux inkluż fil-limitu ta' żmien ta' erba' xhur. Min-naħa l-oħra, il-kontrolli tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol imwettqa b'rabta ma' applikazzjoni individwali għal permess uniku huma inklużi f'din l-iskadenza.
9. Fl-Artikolu 11, it-test ta' kompromess iżomm id-dritt għad-detentur ta' permess uniku li jbidel l-impjegatur u li jiġi protett f'każ ta' qgħad, filwaqt li jistabbilixxi għadd ta' kundizzjonijiet u salvagwardji. Pereżempju, it-test jiddetermina li, minbarra li jivverifikaw il-kundizzjonijiet għall-ammissjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jissuġġettaw il-bidla tal-impjegatur għal proċedura ta' notifika jew ta' applikazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu minimu ta' żmien li matulu d-detentur ta' permess uniku jkun meħtieġ jaħdem għall-ewwel impjegatur. It-test ta' kompromess jiċċara wkoll li telf ta' impjeg m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi raġuni biex jiġi rtirat il-permess uniku sakemm il-perjodu totali tal-qgħad ma jaqbix ix-xahrejn. L-Istati Membri jistgħu jippermettu perjodi itwal ta' qgħad.

10. Il-bidliet fl-Artikoli 13 u 14 għandhom l-għan li jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni ta' abbużi possibbli, is-sanzjonar ta' ksur u l-faċilitazzjoni ta' lmenti kontra min iħaddem.

III. KONKLUŻJONI

11. Il-Presidenza tqis li l-kompromess jirrappreżenta approċċ ġust u bbilanċjat li jqis il-fehmiet espressi minn maġġoranza tal-Istati Membri.
12. Għaldaqstant, fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddeċieda li jistieden lill-Kunsill:
- jilħaq Approċċ Ġenerali dwar it-test kif jinsab fid-dok. 9474/23, bl-astensjoni ta' HU, fis-sessjoni tal-Kunsill ĠAI fit-8 ta' Ġunju 2023;
 - iqis id-dikjarazzjoni kif tinsab fl-addendum għal din in-nota.
-